**230. L-Onorevoli Evarist Bartolo jipproponi:**

Billi l-identità ta' ġensna hija msawra wkoll mill-wirt arkeoloġiku u storiku ta' pajjiżna;

Billi dan il-wirt huwa wkoll parti mill-wirt komuni ta' l-umanità;

Billi dan il-wirt huwa wkoll riżorsa prezzjuża fil-qasam turistiku ta' pajjiżna;

Din il-Kamra tikkundanna bl-aktar mod qawwi l-vandaliżmu barbaru li seħħ nhar il-Ġimgħa l-Kbira fit-Tempji ta' l-Imnajdra u tħeġġeġ biex jinqabdu l-ħatja u jieħdu dak li ħaqqhom;

Din il-Kamra tistqarr il-ħtieġa li l-ħarsien tal-wirt arkeoloġiku ta' pajjiżna tassew, bil-fatti u mhux biss bil-kliem, jingħata prijorita' ewlenija fil-politika tal-pajjiż, tirriżolvi li l-gvern għandu f'mhux aktar minn erba' ġimgħat iressaq għall-approvazzjoni quddiem il-Parlament pjan dettaljat li bih il-ħarsien tal-wirt arkeoloġiku u storiku ta' Malta u Għawdex jiġi mwettaq.

17.04.2001